# POEZIJI TA' RUZAR BRIFFA MHUX IPPUBBLIKATI

## VJOLIN MARID

Vjolin f'idejn il-pupletku,
Fi djuq it-triq tal-baħrin—
Marradi min qiegħed idoqqu,
Bla ħlewwa l-ażmatku vjolin!

Min jitfa' xi sold għax ħanin,
L-oħrajn jitkellmu ħażin.

Maestro Clemente de Monte Real,
Il-prim fost il-primi vjolini tar-"Rjal",
Ir-Re Dwardu Sebgħa kien ħadlu b'idejh,
Muchacha Lolita bisitlu xofftejh.
*Il-lum...

Klement vjolinista
Klement vjolinista
Fi triq il-baħrin,
Klement il-pupletku
Iħanxar vjolin.

17.9.62

## IL-KAŻIN MALTI

Fuq l-għatba tal-'Każin',
Salt xjuħ fix-xemx weqfin,
Iħarsu lejn iż-żgħażagħ
Bil-għaġla għaddejjin.

M'hemmx ħolm għall-għajjenin
Fuq l-għatba tal-'Każin';
Fi żmienhom mexxew Malta,
Imm'issa minsijin.

17.7.61

## ?

*(Blà data, bla isem—Iktarx "Lil San Pawl")*

Fuq il-Gżira ħerba kbira,
Mhux ta' faqar,
'Ma ta' Din...
B'deh'b u ġawhar
Djar u mqades
Imżejnin.
Ġewwa l-bliet
Il-qima kbira
Lejn Astart,
U ġo r-rħula
Biża', regħxa
Minn Mellqart.

F'daqqa waħda
Kemm sajjetti
U kemm riħ;
Qamu f'daqqa
Mill-imqades
Il-Allat
Halli l-mewġ
Bil-qilla 'tiegħu
Idawruh
Fuq tagħna
Il-blat.

Tkissru kollha
Fuq il-blat
Dgħajjes żgħar
U dgħajjes kbar:
Kbira l-qilla
Ta' l-Allat.

'Ma l-imqit Pawlu ta' Tarsu.
Ir-Rażul,
Biex irażżan lill-Allat
Kien magħżul.

Waqgħet ħerba
Fuq l-imqades
Ta' l-Allat;

Ġiet il-benna
T'Alla wieħed
Fuq dal-blat.

## ?

*(Bla isem u bla data)*

*Jien nitla' sal-Barrakka
Ma nfittex ftit mistrieħ—
Jew nitla' sal-Barrakka
Għax naf li qed nixjieħ?

Namrat ibus is-sieħba,
U s-sieħba ma tmerix;
Ta' ħajja ġdida l-bidu
—Ftit fsied u ftit tgħargħix.

Tfajla tgħannaq lil oħra,
Għax huma l-maħbubin,
Fi ħsiebhom biss li jaqblu,
Minn raġel imxennqin.

Kien hemm tfajla sinjura,
Imgħarrqa f'baħar flus,
Miġnuna fuq il-kelba,
Kull ħin lil Fifi tbus.

'Ma ġie ġuvnott ħamalli,
Sabiħ għala x-xanxè,
Addio Fifi tagħha—
"Żgur iva—Għala le?"

# FRAMMENTI

*(Bla data—mhix mitmuma ?)*

Għandi sewsew quddiemi
Uffiċċju tal-X-Ray,
Jidħlu kbarat bil-pompa,
Joħroġ ir-ritratt tagħhom :
Ftit għadam,
Imbagħ'd xej' !

Fi żmieni għarbilt sewwa
Il-kotba tal-għorrief
..............................

## IL-ĦMAR

*(Bla data—mhix mitmuma)*
Il-ħmar xaba' minn sħabu,
Telaqha b'ġirja waħda
Għal qalb in-nies tal-bliet.

Ftit wara reġa' lura,
Għaliex, kif qal lil sħabu,
Dejquh il-ħmerijiet.

## ?

*(Bla data—mhix mitmuma)*

Minn kulma ħlomt f'żgħożiti —
Infittex—kollox baħħ.
Il-qalb xiħa w għajjiena
Ma tafx tgħid ħlief "aħħ".
Li ħlomt kien kollu ħolma,
Li għext kien ħajja biss.
Ah, kieku t-tnejn ingħaqdu,
Il-qamar kont immiss.
Issa qasira l-ħajja
U l-ħolm duħħan itir.